

Brussell, 24 ta' Frar 2023  
(OR. en)

6353/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0001 (NLE)

---

---

CORDROGUE 6  
SAN 69  
RELEX 194

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

---

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-sitta u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971  
- *Adozzjoni*

---

1. Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 ("il-Konvenzjonijiet") huma t-trattati internazzjonali ewlenin dwar il-kontroll tad-drogi, flimkien mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988.
2. L-Istati parti għall-Konvenzjonijiet huma meħtieġa jiżguraw li l-miżuri ta' kontroll obligatorji jiġu applikati għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi annessi għall-Konvenzjonijiet. L-għan ta' dan l-elenkar huwa li jiġi kkontrollat u limitat l-użu ta' dawn id-drogi skont klassifikazzjoni tal-valur terapewtiku, ir-riskju ta' abbuż u l-perikli għas-saħħa tagħhom, u li tiġi mminimizzata d-diverżjoni ta' sustanzi kimiċi prekursori għal manifatturi ta' drogi illegali.

3. Id-deċiżjonijiet li jimmiraw li jbiddu l-ambitu tal-kontroll ta' sustanzi jittieħdu mill-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), permezz ta' deċiżjonijiet biex isiru ċerti bidliet għall-Iskedi tal-Konvenzjonijiet, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.
4. Is-CND, matul is-sitta u sittin sessjoni tagħha mit-13 sas-17 ta' Marzu 2023 fi Vjenna, għandha tadotta deċiżjonijiet dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet.
5. Fit-3 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-66 sessjoni tas-CND dwar l-iskedar ta' sustanzi psikoattivi taħt il-Konvenzjonijiet (ST 5039/23 + ADD1).
6. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet analizzata fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG) li saru fl-10 ta' Jannar u s-7 ta' Frar 2023. Il-verżjoni riveduta tal-proposta, kif tinsab fid-dokument ST 5123/1/23 REV 1, ġiet approvata mill-HDG fis-7 ta' Frar 2023.
7. **Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 6157/23, dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-66 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.**